# Għeruq is-Soċjeta'

*Intervisti minn Antoine Pace*

**Ġużeppi Barbara** għandu 72 sena u huwa pensjonant. Hu joqgħod ġewwa Ħal-Luqa flimkien ma' martu Karmena nee' Falzon. Huma ghandhom 3 itfal - Marthese, Lilian u Domenico Savio. Ilu



nieqes minn raħal tweliedu għal dawn l-aħħar 47 sena. Ġużi kif inhu magħruf jgħidilna li minn meta kien għadu żgħir kellu għal qalbu l-Festa għax ġej minn familja akkanita ħafna tal-Festa. Fil-passat, il-ħidma tiegħu b'riżq il-Festa kienet tikkonsisti billi kien jgħin lil Ġakbu Barbara (li jiġi zijuh) fl-inkullar, irbit u brim tal-murtali tal-bwieqi għall-murtali tal-kulur. Kien jgħin ukoll lil Ġakbu fil-ħdim tal-gas għan-nar ta' l-art u kien jagħti daqqa t'id lil misseru fil-ħdim tan-nar ukoll. Kompla jgħidli li kien imidd idejh ukoll biex jarmaw il-pjazza tar-raħal għal żmien il-Festa. Kompla jgħidli li hu kien għen lil Ġużeppi Barbara (il-Fażolu) fil-ħdim ta' l-iskultura tal-faċċata tal-Każin, partikolarment it-tlett figuri (L-Unjoni, is-Saħħa u l-Kuraġġ) li jinsabu fuq in-naħa tax-xellug. Meta mistoqsi jekk qatt għamel parti minn xi Kumitat, huwa qalli li le iżda fakkarni li hu għamel minn ta' l-anqas 20 sena jdoqq l-Althorn mal-Banda Madonna tal-Ġilju li dak iż-żmien kienet immexija mis-Surmast Joseph Darmanin. Episodji mill-Festi tal-passat li qatt ma jinsa' huma meta darba minnhom hu stess kien ħadem kolonna kbira u għolja għal x'ħin jispiċċa l-Marċ ta' Nofs in-Nhar. Minn ġo din l-kolonna imbgħad kienu ħargu ħafna ħamiem u għasafar. Episodji oħrajn li qatt ma jinsa' huma meta darba lejlet u nhar il-Festa kienet għamlet ħafna xita, tant li l-Festa kienet ġiet imħassra. Jiftakar ukoll kemm kien jieħu gost jara l-ħruq tal-maskli minn fuq iz-zuntier kif ukoll minn quddiem il-Każin. Fil-preżent, Ġużi għadu nvolut fil-Festa. Tant hu minnu li għadu sal-ġurnata tal-lum jagħmel xi biċċa nar ta' l-art għal lejlet il-Festa. Hu qalli li għandu madwar 30 biċċa reddiena kollha jaħdmu b'mekkaniżmu differenti. Kompla jgħidli ukoll li dawn l-aħħar snin issieħeb mal-Fratellanza ta' l-Immakulata Kunċizzjoni u jieħu sehem attiv f'dak kollu li torganizza. Meta mistoqsi fuq l-andament kurrenti tas-Soċjeta' u l-organizzazzjoni tal-Festa inġenerali, Ġużi qalilna li milli jisma' mingħand in-nies u milli jara hu, sejjer kollox tajjeb. Qalilna li jogħġbu ħafna l-programm tat-Tlieta li jsir fuq il-Planċier Meravilja u qatt ma jitilfu. F'kelma waħda fil-fehma tiegħu, il-Festa qegħda ssir b'mod tajjeb ħafna għax propju hija Festa imżewwqa b'kollox. Għall-futur, Ġużi jawgura li nibqgħu mexjin fit-triq li qegħdin fiha u ma naqtgħu qalbna qatt mid-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum. L-aħħar mistoqsija bix-xieraq li tkun fuq is-Sezzjoni Żgħażagħ. Ġużeppi qalilna li ż-żgħażagħ Tal-Ġilju ma jaqtgħu qalbhom qatt għax jistinkaw is-sena kollha għall-Festa. Qalli li l-Festa ssir grazzi għaż-żgħażagħ għax jaħdmu b'ħeġġa kbira u mhux ta' b'xejn li Tal-Ġilju jorganizzaw waħda mill-aqwa Festi ta' Malta.

**Ġanni Formosa** għandu 61 sena u joqgħod iż-Żurrieq. Huwa miżżeweġ lil Rose nee' Mangion u għandhom 2 itfal- Jason u Lawrence.



Ġanni huwa bniedem pensjonant u ilu għal dawn l-aħħar 40 sena nieqes mill-Imqabba. Meta kien għadu tifel u sintendi kien joqgħod l-Imqabba, dejjem kien moħħu fil-Festa. Ta' min ifakkar li Amabile Barbara (li jiġi missier ommu) kien jaħdem in-nar ta' l-arju. Imbagħad warajh kien hemm it-tifel tiegħu Ġakbu Barbara (li jiġi z-ziju ta' Ġanni) u issa fil-preżent hemm Amabile Barbara (li jiġi kuġin tiegħu). B'hekk nistgħu nikkonkludu li Ġanni ġej minn familja li tagħmel parti minn għeruq is-Soċjeta' tagħna, speċjalment fejn tidħol il-piroteknika. Fil-passat, il-ħidma tiegħu kienet tikkonsisti fil-ħdim ta' mekkaniżmu jew xi disinn għan-nar ta' l-art. Dan ix-xogħol kien jagħmlu flimkien ma' Ġilju Briffa (Tas-Sinjura) u kienu jaħdmuh ġewwa remissa li kien hemm maġenb l-iskola propjeta' ta' Mikiel (tal-Bagħdan). Huwa kompla jgħidli li minn dejjem kien jiġri ma' Ġilju Briffa għax kien ukoll il-parrinu tiegħu u kien jgħinu ħafna fin-nar ta' l-art. L-ewwel biċċa nar ta' l-art li għamel kienet fis-snin sebgħin, meta flimkien ma' Ġilju kien għamel katina tal-gas. Huwa għamel madwar 4 jew 5 bċejjeċ nar ta' l-art għall-Festa. Għamel dan l-ammont żgħir għax naturalment kien jgħin lil Ġilju Briffa u sħabu l-oħrajn. Ġanni ta' Sera kif inhu magħruf, qalli li qatt ma għamel parti minn Kumitat għax il-ħidma tiegħu ma kienetx marbuta ma' l-organizzazzjoni tal-Festa. Biss il-ħidma tiegħu fl-arti piroteknika kienet f'qalbu minn meta kien għadu tifel. Episodji partikulari li qatt ma jinsa mill-Festi tal-passat huma meta ftit tal-jiem qabel il-Festa kien indarab ħafif Ġakbu Barbara billi nħaraq permezz tal-finutna li kien qiegħed jikkarga. Qalli wkoll li ma jinsa' qatt id-diżgrazzja tal-post tan-nar meta kien miet Antoine Mifsud (Ta' Tunes). Illum il-ġurnata, Ġanni m' għadux involut ħafna fil-Festa. Huwa kompla jgħidli li xorta jaqbeż qabża sa l-Imqabba fil-Festa u skond hu, il-Festa hija waħda mis-sbieħ. Jgħidli wkoll li s-sena li għaddiet ħa ħafna gost meta sema' li l-Għaqda tan-Nar tal-Ġilju rebħet il-Festival tan-Nar ta' l-Art ġewwa l-Furjana. Qalli li mhux ċajta tirbaħ dan l-unur minn fost dawk il-parteċipanti kollha. Għall-futur hu jawgura li nkomplu mexjin kif aħna u j'Alla ma jkunx hemm diżgrazzji tan-nar u li ma jweġġa' ħadd. L-aħħar kelma li qalli kienet waħda ta' ringrazzjament lill-Kumitat taż-Żgħażagħ ta' din l-oppurtunita' li tajnieh permezz ta' din l-intervista. Huwa temm billi qal li jidher biċ-ċar li ġewwa l-Imqabba hemm Sezzjoni Żgħażagħ li taħdem is-sena kollha għall-Festa.